27 ta' Mejju, 1946.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Joseph P. Galea ne. *versus* Arturo Cavarra**

**Lokazzjoni — Dritt tas-Sid li jieħu Pussess ta' Fond biex ikabbar il-kumditajiet tiegħu.**

*Is-sid ma jistax jiġi mċaħħad mid-dritt li jitlob il-pussess ta' fond biex ikabbar il-kumditajiet tiegħu; u għalhekk huwa jista' jitlob li jieħu taħt idejh fond tiegħu biex jikkomunikah mad-dar li jkun jokkupa.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 1945, fejn huma rikapitulati d-domanda tar-rikorrent, l-eċċezzjonijiet u s-sentenza tal-Board, u li biha ġiet rigettata l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità ta' l-istess sentenza;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-intimat jilmenta (1) li ma kienx biżżejjed stabbilit il-"hardship" tar-rikorrent nomine, u dana jidher mir-riżervi li saru għall-proroga billi l-Board ried jistenna x'jista' jinqala' 'l quddiem, kontra l-prinċipju li s-sentenza għandha tkun "juxta allegata et probata"; (2) illi fil-mument tas-sentenza ma kienx hemm "alternative accommodation" "hinc inde" għall-konduttur;

Ikkunsidrat;

Illi l-Board, wara li kkunsidra l-"hardship" tal-lokatur u l-"available accommodation" ta' l-intimat, ġie fil-konklużjoni, għar-raġunijiet dettaljatament speċifikati mill-istess Board, li ma hemmx bżonn jiġu ripetuti, illi l-"hardship" tar-rikorrent nomine kien ikun akbar kieku kellha tiġi miċħuda d-domanda, mentri ħa l-miżuri kollha, per mezz tar-riżerva

ta' prorogi, li l-intimat ikollu "available accommodation" in bażi għad-dikjarazzjoni tal-Housing Commissioner;

*Ikkunsidrat;*

Illi l-gravam ta' l-appellant huwa illi mhux permess skond il-liġi lis-sid illi jitlob pussess ta' fond sabiex ikabbar il-kumditajiet tiegħu. Fuq dan il-punt għandu jkun kunsidrat illi skond il-liġi huwa leċitu għas-sid illi jitlob pussess ta' dar viċina li tkun tiegħu biex jikkomunikaha mad-dar tegħu, peress illi d-dar tiegħu saret żgħira wisq għax il-familja tiegħu kibret. Dan ma jistax jiġi miċħud lis-sid, għaliex ladarba jkun impossibili, jew almenu impratikabili mingħajr inkomodu gravi tas-sid, *illi ma jkabbarx il-post fejn ikun qiegħed,* ikun inġust illi lil dak is-sid tiġi negata dik il-fakoltà li jieħu d-dar viċina biex jikkomunikaha ma' tiegħu. L-istess haġa hija applikabili għal dan il-każ; in-numru tat-tfal illi fiż-żmenijiet attwali qegħdin jitolbu ammissjoni f'dan l-Istitut huwa tali illi l-post skond l-eżiġenzi sanitarji u dixxiplinari ta' Istitut bħal dak m'humiex biżżejjed biex dawk it-tfal ulterjuri jistgħu jkunu ammessi, u allura l-Istitut ikun qiegħed jonqos minn raġuni fondamentali għalfejn ġie erett. L-appellant *jgħid li l-eżiġenzi "actu" ta' l-Istitut huma tali li huwa biż*żejjed il-post li għandhom issa, u mhux leċitu li jieħu post ieħor biex ikabbru l-attività tagħhom. Iżda dana l-argument jaqa' meta jkun kunsidrat illi, kif jirriżulta fl-aċċess li żammet il-Qorti, anki kif qegħdin issa t-tfal f'dak l-Istitut, huwa meħtieġ illi jkollhom kumditajiet iżjed, għax hija haġa wisq evidenti illi mhux possibili f'kamra waħda li ma hijiex ta' dimensjoni kbira, l-agglomerament ta' tfal li l-Qorti stess kellha okkażjoni tara f'dik il-kamra; u fit-tieni lok, id-Direzzjo*ni ta' l-Istitut tkun qiegħda tonqos mid-doveri tagħha meta* ma tirrimedjax biex tkabbar il-post la darba waslet fil-punt illi tirrifjuta tfal għall-ammissjoni għaliex ma għandhiex post sufficjenti;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-ittra tal-Protomediku fil-fol. 2 tal-proċess, l-Awtoritajiet "are aware of the need which your Creche has for better accommodation for the babies you keep, and I

have made recommendations with a view to making available to you additional accommodation". U mill-ittra sussegwenti (fol. 3 tal-proċess), mibgħuta għan-nom tal-Gvern, jidher li l-Housing Commissioner kien preparat illi jgħin lill-intimat jsib l-"alternative accommodation" rikjesta. L-intimat jidhirlu illi l-Board kellu jiddeċidi skond dak li ġie pruvat u li ġie allegat, u mhux skond dak li jista' jirriżulta wara s-sentenza ta' l-istess Board. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-"hardship" tar-rikorrent nomine rriżulta u ġie pruvat eżawrjentement tant mid-dikjarazzjonijiet uffiċjali kemm ukoll mill-aċċess li l-istess Qorti żammet fil-kunvent ta' l-Ursolini. Mill-banda l-oħra l-promessa ta' l-"available accommodation" għall-intimat tidher ukoll, u l-Qorti kellha okkażjoni, ma' tul l-aċċess fuq imsemmi, tara d-dar fi Triq San Gwann, nru. 63, Tas-Sliema, li wara li jsiru xi riparazzjonijiet tiġi kunsidrata bħala "alternative accommotdation" għall-intimat...........;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk imsemmija fis-sentenza li minnha hemm appell, tirrespinġi l-appell ta' l-intimat u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fil-31 ta' Ottubru 1945, u għall-finijiet ta' l-iżgumbrament tagħti lill-intimat iż-żmien ta' xahrejn, li għandhom jibdew jgħaddu mill-ġurnata tan-notifika lilu tan-nota li r-rikorrent huwa ordnat jippreżenta wara l-atti ta' din il-kawża, illi x-xogħol fuq imsemmi ġie eżegwit taħt id-direzzjoni talperit Professur J. Terreni u ċertifikat mill-perit;

In vista taċ-ċirkustanzi speċjali tal-każ tordna li l-ispejjeż kollha ta 'dina l-istanza, barra dawk provveduti bis-sentenza preċedenti, jitħallsu bin-nofs.